# Statwi, Weghdi u Devozzjoni fis-Siġġiewi

*Dr. Nicholas Vassallo D. Litt.*

Is-Siġġiewi huwa wieħed mill-irħula Maltin li l-aktar għandhom niċeċ u statwi, u bir-raġun għax hu wieħed mill-eqdem irħula f'Malta.

Sa miż-żminijiet l-aktar imbegħda, il-bniedem dejjem fittex l-għajnuna ta' qawwa sopranaturali biex tħarsu mit-tiġrib li, b'ħiltu biss, ma jistax jaħrab minnu. Biżżejjed wieħed iġib quddiem għajnejh it-tempji pre-istoriċi: fihom kif ukoll f'xi oqbra tal-qedem kemm-il darba nstabu statwi jew statwetti li jtuna ħjiel dwar it-twemmin tal-imgħoddi f'Malta. Drawwiet li ntirtu u ddaħlu wkoll fil-ħajja tagħna ta' nsara.

Għall-bidu, sas-sekli XV u XVI, fis-Siġġiewi bħal fil-bqija ta' Malta, xi nies għonja kienu jibnu fuq artijiet tagħhom kappelli zgħar b'wegħda wara li jaqilgħu xi grazzja. Oħrajn li l-but ma' kienx daqstant jippermetti, kienu joffru inkwadru zgħir jew xi oġġett ieħor. Wara l-Assedju l-Kbir, meta nbniet il-Belt Valletta, daħlet l-użanza li fil-kantunieri u l-faċċati tad-djar tinbena wkoll niċċa b'xi statwa aktarx tal-Madonna jew tal-qaddis protettur. Hekk ġara wkoll fis-Siġġiewi meta, f'dawk is-snin, il-popolazzjoni bdiet tiżdied mhux ħazin u bdew jinbnew aktar djar ġodda.

Waħda mill-eqdem statwi li għandna fis-Siġġiewi hija dik tas-Salvatur fi Triq Santa Margerita. Hija statwa sempliċi ħafna iżda ferm sinifikanti: ix-xbieha tal-Feddej f'għamla ta' tfajjel kważi mneżża bid-dinja f'idu x-xellugija waqt li bil-leminija qed jgħolli l-ittri *alpha* u *omega* biex iwissina li Hu l-bidu w it-tmiem ta' kollox, Hu s-sultan. L-istatwa kienet restawrata ftit tas-snin ilu u ngħatat l-attenzjoni li jixirqilha; taħt in-niċċa jidher minqux l-annu 1663. Ftit passi 'l bogħod, sewwa sew kif minn Triq Santa Margerita tfiġġ f'Bieb San Ġwann, mal-kantuniera ta' Triq il-Mitħna tinsab niċċa tassew ħelwa ta' stil barokk bi statwa ferm artistika tal-Arkanġlu Rafel bil-ħuta kbira wara siequ l-leminija hu u juri t-triq liż-żagħżugħ Tobija. Bla ma trid, tiġbidlek l-attenzjoni kemm għall-pożizzjoni fejn tinsab kif ukoll għad-daqs u l-preġju tagħha. Mal-ġnub u 'l fuq min-niċċa naraw bosta dekorazzjonijiet ta' kolonni, pilastri u ħafna tiżjin ieħor tassew raffinat li, nistgħu ngħidu, jagħmilha unika mhux biss għax rari tiltaqa' ma statwa tal-Arkanġlu Rafel imma l-aktar għall-estetika ta' din l-opra artistika, inkluż ukoll il-fanal tagħha. Jingħad li saret fuq ix-xewqa ta' xi ħadd jismu Rafel li żmien ilu kien joqgħod f'din id-dar.

Fin-naħa l-oħra ta' Triq Santa Margerita, mhux bogħod mill-istatwa tas-Salvatur, fuq dar numru 140, insibu niċċa oħra, bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, ukoll ta' stil barokk li teħodna lura madwar





mitejn sena; opra oħra li, għalkemm iċken minn ta' qabilha, xorta ssaħħrek għall-mod kif inhi mqassma kif ukoll għas-sengħa, r-reqqa u t-tinqix fil-ġebla. F'nofs in-niċċa naraw l-istatwa tal-Madonna bil-Bambin fuq drieghha tax-xellug bejn erba' kolonni b'bosta tiżjin ta' girlandi, fjuri u friegħi tal-palm madwar, taħt u 'l fuq min-niċċa. L-iskultura tagħha tibda kemxejn 'il fuq minn bieb id-dar b'elmu taħt l-iskrizzjoni tal-indulġenzi mogħtija fl-1831 u twassal tista' tgħid sa taħt iċ-ċinta fejn tispiċċa b'kurċifiss fuq kuruna rjali. Jingħad li din in-niċċa hija replika tal-artal tal-Madonna tar-Rużarju kif kien oriġinarjament sa meta nbidel (flimkien ma' tad-Duluri) għall-bidu tas-seklu XX[1].

Biswit il-kampnar tal-knisja, naraw imbagħad xbieha sempliċi iżda ħelwa ħafna tal-Madonna tal-Bon Kunsill f'għamla ta' gwarniċ-bassoriliev sporġut 'il barra mill-ħajt mal-kantuniera bejn l-Oratorju u l-ispiżerija San Nikola. Fiha naraw biss bust tal-Madonna bil-Bambin fi ħdanha kif soltu tidher fil-pitturi tal-Madonna taħt dan it-titlu. Fil-għoli tidher skolpita t-Trinità Qaddisa fis-sħab li timla l-parti ta' fuq tal-gwarniċ. Din ix-xbieha saret, aktarx, lejn tmiem is-seklu XVIII u l-bidu tad-XIX, fiż-żmien meta bit-tħabrik tal-patrijiet Agostinjani xterdet fostna d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Bon Kunsill. Fi żmien il-kappillan Dun Salv Pace (1760-1790) saret ukoll pittura tal-Madonna tal-Bon Kunsill li tqiegħedet fuq l-artal tal-Erwieħ iżda imbagħad tneħħiet madwar sittin sena ilu, biex sar it-tabernaklu li fih jitqiegħed is-Sagrament meta jitneħħa minn fuq l-artal maġġur. Illum dan l-inkwadru jinsab fis-sagristija. Fis-Siġġiewi il-qima lejn il-Madonna tal-Bon Kunsill kienet mifruxa mhux ħazin tant li fil-festa tagħha kienu wkoll jitqassmu s-santi bix-xbieha tagħha.[2] Din id-devozzjoni aktar kibret wara li l-Papa Ljun XIII fl-1893 daħħal fil-Litanija l-invokazzjoni: **Omm tal-Parir it-Tajjeb**. Infatti, fis-seklu XX l-isem Marija Konsolata (jew Konsa, fil-qosor) kont issibu f'kemm-il familja.



Bħalma għedna, l-istatwi l-aktar tal-Madonna w ta' San Nikola, fis-Siġġiewi, huma mifruxin mar-raħal kollu; xi drabi saħansitra wkoll ġod-djar, fl-irziezet u fit-toroq qalb ir-raba. Uħud minnhom hemm warajhom moħbija storja ta' niket u ta' tama. Fost dawn insibu tnejn li saru minn Filippu Vella lejn l-aħħar tas-seklu XIX: waħda tal-Madonna tal-Karmnu mat-telgħa tal-Għajn il-Kbira u l-oħra lil Marija Addolorata, mat-triq tal-Imqabba.



Filippu u martu Rożanna, nies tal-familja u sewwa kemm tridhom, kienu mnikktin għall-aħħar minħabba saħħet binthom Anġela: imwielda għall-aħħar tas-seklu XIX, minkejja li kienet tifla imfarfra, kienet għadha ma timxix aktarx minħabba infezzjoni fil-għadam. Għalhekk għamlu wegħda li jekk jaqalgħu l-grazzja li Anġela tfiq u timxi jibnu niċċa lill-Madonna tal-Karmnu mal-ħajt tal-qasam raba tagħhom f'Ta' Trapna, mat-telgħa tal-Għajn. M'għaddiex żmien wisq li l-Madonna semgħet talbhom. Missierha, bla telf ta' żmien, qabbad skultur u bennej iwettqulu l-wegħda li kien għamel; niċċa b'elementi neoklassiċi imdawwra b'erba' kolonni, sempliċi ħafna iżda ferm espressiva hekk li għadha sal-lum tiġbed l-għajn ta' kull min jgħaddi mit-triq. Imqanqal mid-devozzjoni ta' Filippu Vella, l-Isqof Pietru Pace fl-1891, nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, ikkonċeda indulġenza ta' erbgħin jum lil kull min jgħid Salve Reġina quddiemha.

Ma laħaqx għadda żmien wisq li ma' nqalgħax saram ieħor. Persuna oħra tal-familja Vella mardet serjament; Filippu, qalbu qawwijja, għal darba oħra qiegħed it-tama tiegħu f'Ommna Marija u bl-għajnuna tagħha qala' l-grazzja li talabha. B'radd ta' ħajr lejn l-1882 mat-triq tal-Imqabba, fir-raba tiegħu ħdejn Sant'Agata, bena niċċa kif tassew jixraq lis-Sultana tal-Martri – niċċa imponenti ta' stil neo-barokk, għamla t'arkata bil-pilastri mal-ġnub li tagħti wieħed x'jifhem li setgħet inbniet minn mastru Lonzu Schembri, il-bennej tal-portiku tal-knisja, jew xi lavrant tiegħu. Meta wieħed jifli bir-reqqa x-xogħol tal-lavur u l-iskultura tal-portiku w' tan-niċċa isib li hemm bosta xebh bejniethom. L-istatwa hija ta' livell artistiku mill-aqwa; tidher li ħarġet minn idejn skultur prim li għaraf jikkomponi opra li tqanqal imħabba w' devozzjoni, hekk li kemm-il darba

skulturi oħrajn użawha bħala mudell għal monumenti ta' fuq l-oqbra.

Bħalma jixhdu bosta statwi oħra li għandhom rabta mal-Ġimgħa l-Kbira, s-Siġġiwin minn dejjem urew qima kbira lejn Ġesù Redentur, l-Eċċe Homo u xbiehat oħra li jfakkruna fil-Passjoni ta' Kristu. Statwa oħra ta' dix-xorta li wkoll għandha storja partikolari hija dik ta' Ġesù Nażżarenu li għall-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa titqiegħed quddiem l-artal ta' Sant'Antnin. Saret madwar mitt sena ilu minn Ċensu Delia biex iżomm il-wegħda li kien għamel u b'radd il-ħajr għall-grazzja li qala' meta sab ruħu mgħobbi mit-toqol tal-ħajja. L-istatwa għadha fi stat tajjeb. Hija tal-kartapesta iżda xorta hija ta' valur storiku w artistiku: Kristu wieqaf, b'idejh marbutin u bil-libsa vjola bl-iskapular tal-patrijiet Trinitarji Skalzi. L-iskop tal-istatwa huwa li tqanqal lin-nisrani biex jissieħeb ma' Ġesù fit-tbatijiet Tiegħu. Madankollu, l-istatwa m'għandhiex dehra kommoventi: biżżejjed wieħed jinnota idejn Ġesù, marbutin ħafif ħafif. delikati, xhieda tal-imħabba ta' Kristu għal min ħaqru. M'hemmx dak iċ-ċaċir ta' demm mal-wiċċ; għax in-Nażżarenu jistedinna ninbidlu aħna, minn rajna, mhux għax nitħassruh iżda għax aħna nagħżlu li nimxu fuq it-tagħlim tiegħu. Għal aktar minn ħamsin sena l-istatwa kienet esposta għad-devozzjoni fil-bieb ta' ġewwa tal-kampnar in-naħa tal-artal tal-Madonna tar-Rużarju ġo niċċa maħduma minn Rafel Pisani, missier Giovanna, mart Nikol Pace; bosta nies kienu jieqfu jgħidu Kredu quddiemha qabel jew wara l-quddiesa u ħafna drabi wara r-rużarju ta' filgħaxija. Għal xi raġuni, mbagħad l-istatwa tneħħiet minn postha u l-lum, milli jidher matul is-sena tintrefa fl-oratorju. Id-devozzjoni lejn Ġesù Nażżarenu xterdet fostna wara t-twaqqif tal-parroċċa b'dan it-titlu f'San Ġiljan immexxijja mill-patrijiet Dumnikani lejn l-aħħar tas-seklu XIX. Fl-istess żmien saret statwa ta' Ġesù Nażżarenu għal-parroċċa Ommna Marija tal-Karmnu ta' Tas-Sliema; statwa li tixbah ferm lil din tas-Siġġiewi iżda mlibbsa bid-drapp flok kollha tal-kartapesta.



Għajr għall-istatwi tas-Salvatur u din ta' Ġesù Nażżarenu, l-oħrajn kollha jinħtiegu r-restawr mill-eqreb fiss possibli; hemm minnhom li jekk ma tittiħidtx azzjoni malajr kemm jista' jkun, fi żmien qasir, ma ngawduhomx aktar. Imxerrdin mat-toroq karatteristici tar-Raħal Tagħna għandna bosta statwi w niċeċ oħrajn li wkoll jinsabu fi stat ta' telqa. Żgur li l-privat m'għandux il-mezzi biex iwettaq dak li hemm bżonn isir. Dawn huma wirt artistiku imprezzabbli mħolli lilna lkoll minn missirijietna. Bħalma jinstabu fondi għal bosta proġetti oħra, jidhirli li, flimkien mal-korpi kostitwiti, magħzulin f'isimna, għandna nagħmlu minn kollox biex dan il-wirt inħarsuh u ngħadduh lil ta' warajna.